Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Numru. 352/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carmelo Magri)**

**vs**

**Francis Agius ta’ 29 sena, iben Paul**
**u Mary nee Saliba, mwieled fil-Pieta’ fl-1 ta’ Mejju, 1974,**
**u li joqghod ‘Pearl’, Triq Gebel Ghazzara, Burmarrad,**
**limiti ta’ San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta**
**ta’ l-identita’ bin-numru 225774 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Francis Agius li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-11 ta' Novembru, 2003 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indhaal biex ibieghhom jew imexxihom. Liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm 1000) u bil-hin.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal fejn gie registrat il-hlas tas-somma ta' mija u erbhgin lira (Lm 140) seduta stante lill-ufficjal Prosekutur sabiex dan l-istess ammont jghaddi f'idejn Johan Scerri.

Semghet li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija.

Issib lill-imputat hati wara li rat l-artiklu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-artiklu 22 tal-Kapitlu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti fissret lill-imputat is-sinifikat ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha tal-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi ai termini ta' l-artikolu 401(3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------